

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Comercio Electrónico Ojal, SL (Madrid)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-5 ta' Marzu 2009 (Każ R 462/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Amen Corner, SA u Comercio Electrónico Ojal, SL.

### Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Amen Corner, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 167, 18.07.2009.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — Deutsche Steinzeug Cremer & Breuer vs UASI (CHROMA)

(Kawża T-281/09) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CHROMA — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2011/C 46/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Deutsche Steinzeug Cremer Breuer AG (Frechen, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Albrecht, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Mejju 2009 (Każ R 1429/2008-4), li jirrigwarda applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali CHROMA bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Deutsche Steinzeug Cremer Breuer AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 244, 10.10.2009.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — Longevity Health Products vs UASI — Gruppo Lepetit (RESVEROL)

(Kawża T-363/09) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali RESVEROL — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti LESTEROL — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2011/C 46/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Longevity Health Products, Inc. (Nassau, il-Bahamas) (rappreżentant: J. Korab, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Gruppo Lepetit SpA (Lainate, l-Italja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-9 ta' Lulju 2009 (Każ R 1204/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Gruppo Lepetit SpA u Longevity Health Products, Inc.

### Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Longevity Health Products, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 267, 7.11.2009.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — LG Electronics vs UASI (KOMPRESSOR PLUS)

(Kawża T-497/09) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali KOMPRESOR PLUS — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2011/C 46/24)

Lingwa tal-kawża: il-Francież

### Partijiet

*Rikorrenti:* LG Electronics, Inc. (Séoul, il-Korea t'Isfel) (rappreżentant: J. Blanchard, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliar-Monguiral, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Settembru 2009 (Każ R 397/2009-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali KOMPRESSOR PLUS bħala trade mark Kommunitarja.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) LG Electronics, Inc. għandha tbat i-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 13.02.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — Baena Grupo vs UASI — Neuman u Galdeano del Sel (figura bilqiegħda)**

(Kawża T-513/09) (<sup>1</sup>)

**“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta figura bilqiegħda — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti — Raġuni għal invalidità — Karattru individwali — Impressjoni globali differenti — Artikolu 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”**

(2011/C 46/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: José Manuel Baena Grupo, SA (Santa Perpètua de Mogoda, Spanja) (rappreżentant: A. Canela Giménez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Herbert Neuman (Tarifa, Spanja) u Andoni Galdeano del Sel (Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI, tal-14 ta' Ottubru 2009 (Każ R 1323/2008-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Herbert Neuman u Andoni Galdeano del Sel, minn naħa, u José Manuel Baena Grupo, SA, min-naħa l-oħra.

### Dispożittiv

(1) Id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-14 ta' Ottubru 2009 (Każ R 1323/2008-3) hija annullata.

(2) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn José Manuel Baena Grupo, SA. Herbert Neuman u Andoni Galdeano del Sel għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 51, 27.02.2010.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Diċembru 2010 — Apostolov vs Il Kummissjoni**

(Kawża T-73/10 P) (<sup>1</sup>)

**“Appell — Servizz pubbliku — Reklutaġġ — Kompetizzjoni — Kaħda tal-kandidatura — Terminu għall-preżentata ta' appell — Dewmien — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat”**

(2011/C 46/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Appellanti: Svetoslav Apostolov (Saarwellingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Schneider-Addae-Mensah, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers)

### Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Diċembru 2009, Apostolov vs Il-Kummissjoni (F-8/09, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), u intiż b'mod partikolari għall-annullament ta' dan id-digriet.

### Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud

(2) Svetoslav Apostolov għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 100, 17.04.2010

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2010 — Natura Selection vs UASI — Afoi Anezoulaki (natur)**

(Kawża T-549/10)

(2011/C 46/27)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Natura Selection, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: E. Sugrañes Coca, avukat)